MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Numru. 760/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**
**Michael Curmi bin Angelo u Enmanuela nee' Attard, imwieled fl-24 ta' April, 1974 u residenti April Love, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 9574(G)**

**Caroline Curmi mart Michael u bint Michael Portelli u Mary Rose nee' Camilleri, imwieled fid-29 ta' April, 1976 u residenti April Love, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 18976(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Michael Curmi u Caroline Curmi li gew akkuzati talli f’Ghawdex b’diversi atti maghmulin minnhom  ukoll jekk fi zminiejiet differenrti u cioe’ fit-28.08.2005 sad-19.10.2005 u anki fil-21.01.2007, liema atti jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda uzaw xi sistema jew apparat ta’ telekumunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun provdut (Art 18 tal-Kap 9 u Art 35(1)d tal-Kap 399);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ l-Artikoli 35 (1)(d) tal-Kap 399;

Semghet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2007;

Ikkunsidrat;

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza “Il-Pulizija vs Etienne Calleja”, jirrizulta illi meta ikun hemm theddid permezz ta’ mezzi ta’ komunikazzjoni bhal telefon, dan it-tip ta’ reat ma jikkwalifikax ruhu taht id-dispost ta’ l-Artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 izda semmai jista’ jirrizulta xi reat iehor ta’ natura kontravenzjonali;

Kwindi l-eccezzjoni sollevata mid-difiza qed tigi milqugha peress illi mill-affidavits mressqa mill-Pulizija jirrizulta illi dan ir-reat jikkoncerna tefonati anonimi;

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikoli 35(1)(d) tal-kap 399, tillibera lill-imputati ghar-ragunijiet premessi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------